**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwantità disponibbli għat-tieni semestru tal-2011 għal ċerti prodotti fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib fil-kuntest ta' ċerti kwoti li fetħet l-Unjoni**

(2011/C 114/04)

Wara l-għoti ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-ewwel semestru tal-2011 għal ċerti kwoti tariffarji msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([1]), l-applikazzjonijiet għal-liċenzji koprew kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli għall-prodotti kkonċernati. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi kkalkolata, għal kull kwota kkonċernata, il-kwantità disponibbli għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2011 billi jitqiesu l-kwantitajiet mhux allokati li jirriżultaw mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa bejn l-20 u t-30 ta' Novembru 2010 għall-butir li joriġina minn New Zealand fil-kuntest tal-kwoti bin-numri 09.4195 u 09.4182, kif ukoll għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova fil-kuntest tal-kwota 09.4210.

Il-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2011 għat-tieni semestru tas-sena ta' importazzjoni ta' ċerti kwoti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huma indikati hawn isfel.

---

([1]) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29.

*ANNESS*

| Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova | |
|---|---|
| Nru tal-kwota | Kwantità (kg) |
| 09.4210 | 1 500 000 |

| Butir li joriġina min-New Zealand | |
|---|---|
| Nru tal-kwota | Kwantità (kg) |
| 09.4195 | 27 881 000 |
| 09.4182 | 33 612 000 |